MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Numru 498/2004

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Michael Zarb

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Michael Zarb ta’ karta ta’ identita’ numru 452390(M), akkuzat talli fil-21 ta’ Gunju, 2004 ghal habta ta’ l-11.00pm f’Misrah il-Bajja, Bugibba, hebb ghal Adrian Muscat b’oggett iebes u kkagunalu ferita ta’ natura gravi ai termini ta’ l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 skond kif iccertifika Dr Aaron Formosa M.D. mill-Poliklinika tal-Mosta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Adrian Muscat ai termini ta' l-Artikolu 383 u 384 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

Huwa fatt wisq car fil-gurnata u lejl indikat fl-akkuza sehh incident li fih sofra griehi certu Adrian Muscat. It-tabiba li mmedikatu fil-Poliklinika tal-Mosta stqarret li l-ferita kienet ta' xi zewg centimetri tul fuq il-mohh, il-parti tal-lemin, tal-imsemmi Muscat; kien mehtieg li jsiru tlett punti li fil-fatt saru mill-istess tabiba.

Issa m'ghandux ikun hemm dubbju li l-ferita per se kienet wahda gravi stante li kienet fuq parti tal-wicc u di piu' sitt xhur wara meta xehed il-midrub il-marka kienet ghadha visibbli. Fil-kuntest tal-marka, jekk baqatx tidher u allura jistax jinghad li hemm ukoll sfregju, it-tabiba testwalment qalet illi "possibilment tista' tickien pero' mhux li tispicca ghal kollox".

F'dan l-istadju, ghalhekk, jifdal li jigi determinat, ghal dik li hi r-reita' tal-imputat, jekk il-ferita, kif qeghda ssostni l-Prosekuzzjoni, ikkagunahiex l-imputat. Mill-assiem ta' l-provi l-Qorti hi sodisfatta li l-akkuza giet pruvata u kwindi l-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha billi ppruvat ukoll li l-ferita fuq Muscat giet prokurata mill-imputat permezz ta' flixkun.

Il-Qorti hawnhekk ma tirriskontra ebda gustifikazzjoni, bhal per ezempju l-provokazzjoni, li jista' jigi applikat in mitigazzjoni ghall-piena.

Ghaldaqstant, taqta u tiddeciedi l-kawza billi ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kontrih dedotta u wara li rat l-Artikolu 216 tal-Kap 9, tiddeciedi li tikkundannah Lm200

multa. Ma jidhirliex pero’ li huwa kaz li tapplika kontra tieghu wkoll l-Artikolu 383 u 384 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------